MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.

## NATASHA GALEA SCIBERRAS

Seduta tal-25 ta' Marzu, 2014

Numru. 241/1997

**Il-Pulizija**

**vs**

**Philip D'Amato**

Il-Qorti,

Wara li rat illi l-imputat Philip D'Amato ta' 30 sena bin Carmel u Filippa nee` Camilleri, imwieled il-Pieta` nhar l-1 ta' Ottubru 1966, u residenti Numru 2,

Sqaq numru 1, Triq is-Siggiewi, Haz Zebbug, detentur tal-karta tal-identita` numru 2267(M):

Akkuzat talli:

a. Fir-Rabat, Malta nhar it-12 ta' Mejju 1997 ghall-habta tad-9:00 a.m. dolozament bil-hsieb li joqtol jew li jpoggi l-hajja ta' Memdouh Mohammed El Sadani ta' nazzjonalita` Egizzjana f'perikolu car, wera dan il-hsieb b'atti esterni u ta' bidu ghall-esekuzzjoni ta' dan id-delitt billi permezz ta' strument li jaqta' u li jniggez (mus) ta diversi daqqiet lejn il-partijiet vitali tal-gisem tal-imsemmi Memdouh Mohamed El Sadani, liema delitt ma giex esegwit minhabba xi haga accidentali u indipendenti mill-volonta` tieghu;

b. Fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, permezz ta' strument li jaqta' u jniggez, ikkaguna feriti gravi fuq il-persuna ta' Memdouh Mohamed El Sadani, liema offiza giet maghmula b'ferita li dahlet f'wahda mill-kavitajiet tal-gisem, skond kif gie iccertifikat minn Dr. Albinski MD u Mr. Ernest Ellul MD tal-Isptar San Luqa;

c. Fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, permezz ta' strument li jaqta' jew iniggez, ikkuguna feriti gravi fuq il-persuna ta' Memdouh Mohamed El Sadani, liema offizi ser iggib sfregju gravi u permanenti fil-wicc, fil-ghonq jew f'wahda mill-idejn tal-imsemmi Memdouh El Sadani;

d. Fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, fil-hin li huwa kien qieghed jaghmel delitt kontra persuna, kellu fil-pussess tieghu strument li jaqta' u bil-ponta;

e. Fl-istess jum, lok, hin u cirkostanzi, zamm u garr strument li jaqta' u bil-ponta minghajr licenzja mill-Kummissarju tal-Pulizija;

f. Kiser b'hekk il-provediment tal-Artikolu 9 tal-Kap. 152 tal-Ligijiet ta' Malta b'sentenza moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) datata l-24 ta' Lulju 1996, fejn huwa kien gie misjub hati ta' reat u lliberat taht kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien tmintax-il xahar;

g. Finalment talli huwa sar recidiv b'sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) datata 26 ta' Frar 1991, liema sentenza saret definittiva u ma tistax tigi mibdula.

Semghex ix-xhieda, rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti esebiti inkluz in-Nota tal-Avukat Generali tal-11 ta' Jannar 1999[1], fejn huwa deherlu li tista' tinstab htija jew htijiet taht dak li hemm mahsub fis-segwenti Artikoli tal-ligi:

a) Fl-Artikoli 41(1)(a), 218 tal-Kodici Kriminali;
b) Fl-Artikolu 218 tal-Kodici Kriminali;
c) Fl-Artikolu 216 tal-Kodici Kriminali;
d) Fl-Artikoli 2, 3, 19 tal-Kap. 66;
e) Fl-Artikoli 10(1)(a) tal-Kap. 152;
f) Fl-Artikoli 49, 50 tal-Kodici Kriminali.

Rat illi waqt is-seduta tat-29 ta' Jannar 1999[2], l-imputat iddikjara illi m'ghandux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat bi procedura sommarja u deciz minn din il-Qorti fil-kompetenza taghha surreferita;

Rat illi fis-seduta tal-14 ta' Gunju 2013, il-Prosekuzzjoni ezentat lil-Qorti, kif presjeduta, milli terga' tisma' l-provi mressqa f'din il-kawza sa dakinhar quddiem il-Qorti kif diversament presjeduta, u illi din l-esenzjoni inghatat ukoll mid-difiza fis-seduta tat-30 ta' Settembru 2013;

Semghet it-trattazzjoni finali tal-partijiet.

**Ikkunsidrat**:

[1] A fol. 390 tal-process.
[2] A fol. 391 tal-process.

Illi qabel xejn irid jinghad illi ghalkemm din il-kawza tirrigwarda reati li allegatament sehhew fit-12 ta’ Mejju 1997, l-istess kawza giet mismugha minn din il-Qorti, kif diversament presjeduta, u l-ewwel darba illi l-imputat deher quddiem din il-Qorti, kif presjeduta, kien fl-14 ta’ Gunju 2013.

Illi l-fatti fil-qosor li taw lok ghal dan il-kaz kienu s-segwenti:

1. Nhar it-12 ta’ Mejju 1997, ghall-habta tad-9.00 a.m, l-imputat sgassa l-bieb tal-fond li fih kien jirrisjedi l-istess vittma u kkagunalu numru ta’ feriti permezz ta’ strument li jaqta` u bil-ponta;

2. Prezenti fil-fond dak il-hin, kien hemm mara ta’ nazzjonalita` Marokkina, li hekk kif harget mill-kamra taghha, sabet lill-vittma f’ghadira demm u sejjhet ghall-assistenza;

3. Il-vittma ttiehed gewwa l-Isptar San Luqa, fejn baqa’ rikoverat ghal xi zmien.

**Ikkunsidrat:**

L-Avukat Generali indika fin-Nota tieghu, l-Artikoli 216 u 218 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, kif ukoll l-Artikolu 41(1)(a) fir-rigward tal-Artikolu 218 tal-istess Kap. 9.

Fis-seduta tas-26 ta’ Mejju 1997, xehed l-**Ispettur** (illum Assistent Kummissarju) **Pierre Calleja**[3], li qal illi fit-12 ta’ Mejju 1997, ghall-habta tal-10:00 a.m., huwa gie infurmat illi kien hemm incident ossia feriment b’arma li taqta’ u bil-ponta gewwa 87, Hal Bajada, Limiti tar-Rabat u li f’dan l-incident kien safa ferut certu Memduh Mohammed El Sadali ta’ nazzjonalita` Egizzjana. Huwa mar ikellem lill-ferut gewwa l-Isptar San Luqa, u dan qallu li qabel gara l-incident huwa kien qieghed fir-residenza tieghu u waqt li kien gewwa sema’ l-

[3] A fol. 22 sa 36 tal-process.

bieb ta' barra tal-istess residenza qed jigi mbuttat il-gewwa. Huwa ra diehel gewwa lil certu Philip minn Haz-Zebbug li huwa kien jafu bhala *refute collector.* Skond il-ferut, dan Philip kellu mus f'idu u beda jaghtih bl-istess mus. Stante li kien hemm diffikulta` sabiex il-ferut jikkomunika max-xhud, f'dan l-istadju huwa ma kompliex jinterrogah. Izjed tard, xi s-7.00 p.m., ix-xhud rega' mar ikellem lill-vittma li din id-darba kien f'qaghda ahjar biex jitkellem. Dan qallu li wara d-9.30 a.m., waqt li kien fid-dar tieghu, bil-qeghda fil-kcina, f'hin minnhom beda' jisma' hsejjes ta' daqqiet fuq il-bieb ta' barra u ra l-bieb ta' barra jinfetah. Wara li gie sgassat il-bieb, ra lill-imputat li dahal u mar fid-direzzjoni tieghu. F'id l-imputat kien hemm mus u hu pprova jiddefendi lilu nniffsu. L-Egizzjan qal li ntlaqat f'sidru, f'wiccu u f'ghonqu u f'hin minnhom ra lil D'Amato sejjer l'hemm, waqt li hu hass ruhu jaqa' mal-art. Il-mara Marokkina, Samira, marret hdejh u talabha sabiex issejjah ghall-assistenza. Huwa qal illi kemm il-darba ghamel xoghol ta' *tiling* mal-imputat u li kien ilu jafu madwar hames xhur. Kien hadem ukoll f'xi proprjeta` tal-imputat il-Buskett u gewwa proprjeta` ohra ta' hu l-imputat, f'Haz Zebbug. Meta kien qieghed jaghmel dan l-ahhar xoghol, l-imputat kien ipponta lejh senter u wara li huwa kien mar ikellem lill-istess imputat, dan hariglu arma ohra tan-nar ossia pistola. Huwa harab mir-razzett u kien waslu r-Rabat, hu l-imputat. Skond il-ferut, prezenti waqt dan l-incident gewwa r-razzett kien hemm ukoll il-mara tal-imputat. Meta x-xhud tkellem ma' mart l-imputat, din ikkonfermat li kien gara incident bhal dak deskritt mill-Egizzjan. Ghall-habta ta' nofsinhar, l-avukat tal-akkuzat, Dr. Jose Herrera informa lix-xhud illi l-imputat xtaq ikellem lill-pulizija. L-imputat mar ftit wara gewwa l-Kwartieri Generali tal-Pulizija u inghata d-debita twissija skond il-ligi vigenti dak iz-zmien.

L-Ispettur Calleja xehed illi ghall-ewwel l-imputat qallu illi l-avukat tieghu jitkellem ghalih, izda wara qallu li f'hin minnhom kien telaq ir-Rabat u li fil-ghodu dahal fir-residenza tal-Egizzjan. L-imputat qallu illi huwa kien mar ikellem lill-Egizzjan in vista tal-fatt illi kellu suspett li martu kellha relazzjoni mal-istess Egizzjan. F'dak l-istadju, l-imputat u martu ma kinux ghadhom qed jghixu flimkien. Skond l-imputat, hekk kif dahal fir-residenza tal-Egizzjan, dan tal-ahhar gie ghalih b'xi haga f'idu, izda huwa rnexxielu jiehu dik il-haga minn idejn l-Egizzjan. Dak il-hin kien hemm *struggle* bejniethom u ma kienx jaf

x'gara aktar. L-imputat qal ukoll illi fir-residenza kien ra lil martu. Wara li tkellem mal-imputat, l-istess Spettur baghat ghall-mara tal-imputat, li qaltlu li fl-ebda hin filghodu fil-gurnata tal-incident, ma kienet fir-residenza tal-Egizzjan. Hija spjegat illi xi hin qabel it-8:00 a.m., hija kienet harget mat-tfal taghha u tal-imputat, hadet wiehed jew wahda minnhom l-iskola u regghet irritornat lejn id-dar.

Fl-istqarrija tieghu[4], rilaxxjata minnu nhar it-13 ta' Mejju 1997, liema stqarrija huwa ghazel li ma jiffirmahiex, l-imputat qal illi huwa kien jahdem bit-*truck* u jigbor iz-zibel u li fil-prezent kien qed jghix ghand ommu u mhux mal-mara. Ghal numru ta' domandi, l-imputat wiegeb illi kien hemm l-avukat jirrispondi ghalih. Meta gie ssugerit lilu illi ma kienx minnu illi martu kienet fir-residenza tal-Egizzjan, huwa qal li kienet hemm. Mistoqsi kienx jaf lill-Egizzjan, huwa qal li kien jafu b'idea, fis-sens li kien jafu minn wiccu, izda meta gie ssugerit lilu illi kien gieli jqabbdu jaghmel xi xoghol fil-proprjeta` tieghu, huwa ma wegibx. Qal li kien tela' r-Rabat b'tal-linja, li kien l-ewwel mar il-Belt u mbaghad tela' r-Rabat. Mistoqsi dwar il-gerha li kellu f'idejh ix-xellugija, huwa qal li kien laqatha x'imkien, ma kienx jaf fejn u kif laqatha. Ikkonferma li kien mar ghand l-Avukat Dr. Jose Herrera u mistoqsi fejn kien ghamel l-arma li uza fl-incident, huwa wiegeb "*Mela jiena kelli l-arma f'idi, hemm l-avukat jitkellem ghal dan ix-xoghol*"[5]. Mistoqsi jekk dan l-Egizzjan kienx ghamillu xi haga, huwa wiegeb "*Xi tridu jaghmilli Sir hija? Marli mal-mara zgur*"[6]. Ikkonferma li kien qed jissepara minn ma' martu u mistoqsi dwar id-demm li kellu fuq il-flokk li kien gie elevat minn fuqu fil-jum ta' qabel, huwa wiegeb "*tghid mhux bil-gerha li ghandi?*"[7] Ikkonferma li fil-jum ta' qabel, baqa' l-hin kollu bl-istess hwejjeg.

Fl-istess seduta tas-26 ta' Mejju 1997, xehed **l-Ispettur David Gatt**[8]. Huwa qal illi wara li fit-12 ta' Mejju 1997, ghall-habta tad-9.30 a.m., kien gie infurmat b'incident dwar *stabbing*, huwa mar fir-residenza in kwistjoni, u ra li l-bieb

[4] Esebita a fol. 37 sa 39 tal-process.
[5] A fol. 39 tal-process.
[6] A fol. 39 tal-process.
[7] A fol. 39 tal-process.
[8] A fol. 40 sa 44 tal-process.

principali ta' barra kien sgassat u li f'kamra li tigi faccata tal-istess bieb, fl-ahhar ta' sitt metri kuritur, kien hemm ghadira demm u kien hemm xi oggetti maqlubin. Huwa kkonferma illi waqt li kien ghadu fl-Ghassa tar-Rabat, gew infurmati minn Dr. Jose` Herrera li ghandu kien hemm l-imputat u l-imputat mar minn jeddu gewwa l-Kwartieri Generali tal-Pulizija, flimkien ma' missieru. Skond dan ix-xhud, l-imputat kien qalilhom illi meta huwa kien dahal fir-residenza tal-Egizzjan, il-mara tieghu kienet fl-istess residenza u li din harbet l'hemm minghajr ma seta' jzommha.

Fl-istess seduta tas-26 ta' Mejju 1997 xehdet ukoll **WPS 95 Jean Farrugia**[9], li qal illi fil-lejl ta' bejn il-11 u t-12 ta' Mejju 1997, waqt li kienet xoghol fl-Ghassa tar-Rabat, ghall-habta tan-12.30 a.m., mar jaghmel rapport l-imputat akkumpanjat minn xi familjari tieghu, li qalilha li kien qed jissuspetta illi martu kienet qed tiffrekwenta xi Egizzjan u li dan l-Egizzjan kien immigrant projbit. Meta l-imputat gie mistoqsi sabiex jaghti l-indirizz tar-residenza tal-Egizzjan, huwa rrifjuta li jaghmel dan ghaliex skond hu "*dan jahrabilkom*". Ghalkemm ix-xhud insistiet kemm il-darba li tinghata l-istess indirizz, huwa baqa' jirrifjuta li jaghtihulha. Hija nizlet dak kollu li qalilha l-imputat bhala rapport u ssuggerietlu illi jmur ghand l-*immigration*. Qalet ukoll illi kien hemm okkazzjoni meta l-imputat u l-mara tieghu kienu ggiedlu vicin l-Ghassa u jekk ma kinitx zbaljata, dan l-incident gara fl-24 ta' April 1997. Ir-rapport esebit mill-istess xhud fil-fatt jindika dak li hija xehdet dwaru u illi l-imputat kien qalilha illi martu qeghda tiffrekwenta immigrant projbit.

Fis-seduta tas-6 ta' Gunju 1997, xehdet **Dr. Odette Pace**[10], li qalet illi hija kienet giet infurmata li kien hemm ragel ferut, cemplet lill-pulizija fl-Ghassa tar-Rabat u marret fl-indirizz li kien gie indikat lilha mal-pulizija. Meta dahlet gewwa mal-pulizija, sabu ragel mimdud mal-art, li kien ferut, b'saqajh iharsu lejn il-bieb ta' barra, minn fejn kienu dahlu. Dan ir-ragel kien mimdud fuq in-naha tal-lemin tieghu u madwaru kien hemm hafna demm. Dak il-hin, huwa kien konxju u minn kliemu setghet tifhem li xi hadd kien tah daqqiet ta' sikkina.

[9] A fol. 47 sa 50 tal-process.
[10] A fol. 63 sa 68 tal-process.

F’din is-seduta xehed ukoll **PS 1414 Anthony Zammit**.[11] Huwa kkonferma illi huwa kien gie infurmat minn Dr. Odette Pace illi kien hemm persuna feruta fl-indirizz tal-incident de quo u li meta huwa mar fuq il-post flimkien maghha, huwa nnota li l-bieb ta’ barra kien sgassat u dan stante li kien hemm firroll fuq in-naha ta’ gewwa tal-bieb li kien maqlugh. Fuq in-naha ta’ gewwa, fl-intrata kien hemm ragel mal-art li kien jidher ferut. Meta staqsieh x’kien gara, huwa qallu kelma wahda biss u cioe` ‘Philip’. Ix-xhud qal ukoll illi dakinhar stess, ghall-habta tat-8.00 a.m., l-imputat kien mar gewwa l-Ghassa tar-Rabat u qallu illi kellu suspett illi martu kienet qeghda tkun infidila lejh. Skond l-istess imputat, x’aktarx kien hemm involuta persuna ta’ nazzjonalita` barranija. Ix-xhud wiegbu illi setghu jaraw kienx immigrant illegali, izda l-imputat ma tahx izjed informazzjoni. Madankollu, l-imputat tah indikazzjoni li kien jaf fejn joqghod. Fix-xhieda moghtija minnu dakinhar tal-incident, quddiem Dr. Consuelo Scerri Herrera, illum Magistrat, li kienet giet mahtura bhala espert fl-inkjesta, dan ix-xhud qal illi l-imputat kien qallu li l-mara tieghu kien qed ikollha relazzjoni ma’ barrani.[12]

Fis-seduta tas-6 ta’ Gunju 1997, xehdet **Samira Abid**[13]. Hija qalet illi dakinhar tal-incident de quo, hija kienet rieqda fir-residenza u giet imqajjma minn xi hadd li kien qed jimbotta l-bieb tal-istess residenza. Il-kamra fejn kienet rieqda hi tinsab hdejn il-bieb principali. Dak il-hin kien hemm id-dlam, izda xi hadd dahal fil-kamra taghha. Minhabba d-dlam, hija ma setghetx tara wiccu. Dan il-persuna imbutta l-bieb tal-kamra taghha u wara li dahal, rega’ hareg il-barra. Imbaghad wara li hareg, dahal il-gewwa fl-istess dar. Wara hija semghet ghajjat u ezatt wara, l-istess persuna telaq il-barra mid-dar. Dan ir-ragel kien liebes top abjad u qalziet, kien qasir u mibni. Meta harget mill-kamra taghha, hija sabet lill-Egizzjan mixhut mal-art, fejn kien hemm id-demm. Huwa qalilha biex tmur ghand tal-*grocer* issejjah ghall-assistenza u hija ghamlet dan. Hija qalet li meta gara l-incident ma kien hemm hadd izjed fid-dar, hlief hi, l-Egizzjan u l-aggressur. Mistoqsija jekk dan ir-ragel kellux xi haga f’idu, hija

[11] A fol. 79 sa 83 tal-process.
[12] A fol. 300 tal-process.
[13] A fol. 87 sa 92 tal-process.

qalet li ma setghetx tara ghax kien id-dlam. L-istess Samira Abid xehdet ukoll fl-istadju tal-inkjesta, fit-13 ta' Mejju 1997.[14] Bazikament ix-xhieda taghha tikkombaca ma' dak li xehdet quddiem din il-Qorti, kif diversament preseduta, b'dan illi dakinhar qalet ukoll illi hija kienet taf lil certa Marica li kienet fir-residenza tax-xhud, gewwa Triq Hal Bajada, Rabat, is-Sibt ta' qabel u cioe` fl-10 ta' Mejju 1997. Hija ddeskrivitha bhala hoxna, b'xaghra qasir u li din hija habiba tal-Egizzjan. Hija ratha darba biss fir-residenza, izda l-Egizzjan kien qalilha illi din Marica kienet tmur fil-*flat* qabel. L-Egizzjan kien qalilha illi Marica kellha problemi ma' zewgha u li hu ma kienx jiehu gost li hija tmur fir-residenza taghhom.

Dakinhar xehed ukoll **Memduh Mohammed El Sadani**[15]. Huwa qal illi dakinhar tal-incident, huwa kien qieghed fir-residenza tieghu, li ghall-habta tad-9.00 a.m. jew id-9.15 a.m. huwa kien lest u liebes biex johrog, waqt illi l-Marokkina kienet fil-kamra taghha. Xi hadd beda jsabbat fuq il-bieb ta' barra tar-residenza tieghu. Qal illi l-bieb dejjem ikun imsakkar minn gewwa b'firroll. Il-bieb inkiser u ra lill-imputat jidhol. Dan kellu sikkina f'idu l-leminija. L-ewwel daqqa li qalha permezz tas-sikkina kienet fuq wiccu. Huwa pprova jwaqqaf lill-imputat u permezz ta' idu l-leminija, prova jaqbad il-mus, ossia s-sikkina u ghalhekk huwa wegga' idu l-leminija. Huwa qala' daqqiet ohra bl-istess sikkina u l-imputat telaq l'hemm. Huwa ddeskriva l-feriti li kellu u qal li kellu hafna demm hiereg minnu u waqa' mal-art. Marret hdejh il-Marokkina u talabha sabiex iggib il-Pulizija. Huwa qal illi waqt l-incident, fid-dar kien hemm biss hu, l-Marokkina u l-imputat. Ix-xhud qal ukoll illi huwa kien ilu jaf lill-imputat ghal dawn l-ahhar sitta, seba' xhur izda, mistoqsi kif sar jafu, huwa ma wegibx. Waqt l-incident l-imputat beda jghajjat u beda jghidlu '*ejja l'hawn, ejja l'hawn*'. Qal ukoll illi kien hemm okkazzjoni meta huwa kien mar gewwa razzett tal-istess imputat gewwa Haz Zebbug u waqt li kien hemm, l-imputat hareg senter, ippuntah lejh u tkellem hazin. Huwa telaq jigri u mar igib hwejjgu minn kamra zghira. L-imputat dahal fl-istess kamra u minn mal-hajt hareg pistola bajda u sewda u gera warajh biha, fil-waqt li beda jghidlu '*ejja l'hawn*'. Hu beza' u telaq l'hemm. Dakinhar kien hemm prezenti hu l-imputat, Mario. Skond ix-

[14] A fol. 303 u 304 tal-process.
[15] A fol. 156 sa 168 tal-process.

xhud, dan l-incident gara xi xahrejn u nofs qabel. Qal ukoll illi kemm tal-forn maghruf bhala Tar-Radoss, gewwa r-Rabat, kif ukoll siehbu certu Mario, kienu qalulu li l-imputat u huh Mario kienu qeghdin ifittxuh. Tal-forn qallu dan id-diskors xi gimgha qabel, fil-waqt illi siehbu kien qallu dwar dan xi xahar qabel. Ghalkemm ghall-ewwel qal illi hadd ma qallu r-raguni ghalfejn dawn kienu qed ifittxuh, in kontro-ezami qal illi Tar-Radoss kienu qalulu li l-ahwa D'Amato kellhom xi xoghol ghalih. Huwa qal illi fid-dar ma kellux armi, li kien jaf lill-mara tal-imputat u li meta gara l-incident de quo, il-mara tal-imputat ma kinitx prezenti. Qal illi ma jafx ghala D'Amato ghamel dak li ghamel u kkalkula illi x-xafra tas-sikkina li ntuzat mill-imputat kienet twila madwar sitt pulzieri. Huwa qal ukoll illi waqt li l-imputat kien hiereg il-barra, huwa ma rax is-sikkina f'idu.

In kontro-ezami, mistoqsi kif kien sar jaf lill-imputat, ix-xhud ghazel li ma jwegibx. Qal li kien jaf lit-tfal tal-imputat u kien jaf isimhom u li kien jaf x'jisimha l-mara tal-imputat. Qatt m'ghamel rapport fir-rigward tal-incident gewwa r-razzett. Wara kien gie informat illi din kienet cajta, izda huwa ma fehmiex bhala tali. Wara dan l-incident fir-razzett, sakemm gara l-incident in ezami, huwa qatt ma kien rega' ltaqa' mal-imputat jew ma' xi membru iehor tal-familja tieghu. Meta kien jghix fin-Nigret, kien jghix vicin l-imputat u cioe` fl-istess naha tat-triq u kien jsellmu lil xulxin meta hu u l-imputat kienu jaraw lil xulxin. Qal illi huwa qatt ma kellimha lill-mara tal-imputat. Kien hemm okkazzjoni meta rikeb f'vann, lejn il-Buskett u maghhom kien hemm il-mara tal-imputat. Qal ukoll illi fil-kcina tar-residenza tieghu, kien hemm is-skieken.

Fis-seduta tal-11 ta' Gunju 1997, xehdet **Dr. Glorianne Briffa**[16] li ezaminat lill-vittma hekk kif iddahhal gewwa l-Isptar. Qalet illi l-pazjent kellu hafna feriti ma' gismu. L-ewwel wahda li rat kienet tmur minn imniehru u tibqa' sejra sa widintu tax-xellug, liema ferita kienet twila ghaxar centimetri. Kien hemm ohra ta' zewg centimetri fuq geddumu, ferita ohra ta' madwar erba' centimetri fuq in-naha tax-xellug ta' ghonqu u ohra ta' seba' centimetri, fuq in-naha tax-xellug ta' sidru. Kellu ferita ohra ta' tlett centimetri taht ghabtu tax-xellug u zewg

[16] A fol. 171 sa 174 tal-process.

feriti zghar fuq zewgt iswaba ta' idu l-leminija u cioe` it-tieni u t-tielet saba. Il-ferut kien stabbli pero` hija ddeskriviet il-feriti bhala ta' natura gravi.

Fl-istess seduta xehed ukoll **it-Tabib Dr. Jacek Albinski**[17], li opera lill-vittma fit-12 ta' Mejju 1997. Huwa qal illi l-pazjent kellu diversi feriti, tlieta mil-liema feriti ossia il-ferita f'ghonqu u z-zewg feriti fuq sidru, kienu serji. Il-kumplament tal-feriti kienu superficjali. L-imsemmija tlett feriti kienu fuq ix-xellug tal-persuna feruta. Huwa xehed illi l-ferita fuq in-naha tax-xellug ta' ghonqu kienet fonda u dahlet fil-*muscle* tal-ghonq. Din il-ferita kienet serja ghaliex setghet involviet hafna l-organi vitali, izda fil-fatt meta huwa ezamina lill-pazjent sab li ma kinitx tinvolvi dawn l-organi. Il-pazjent kellu wkoll zewg feriti fuq sidru, vicin hafna ta' ghabtu. Wahda minn dawn qatghet il-muskolu magguri *pectoralis* u waqfet hdejn il-*clavical.* L-ohra ppenetrat f'sidru u cartet il-*pleura* tan-naha tax-xellug tal-pulmun. Huwa qal illi kienu ghadhom qeghdin jinvestigaw disorjentazzjoni fil-moviment tal-id ix-xellugija tal-pazjent u li l-problema jidher kienet tinvolvi l-mohh. Ix-xhud qal ukoll illi ghalkemm il-pazjent kien miexi l-quddiem, kien ghadu ma giex f'tieghu ghal kollox. Ma setax jghid jekk kienx ser jibqa' b'dizabilita` permanenti, izda qal illi fil-prezent, huwa kellu dizabilita`. Huwa qal permezz tal-feriti li ddeskriva, kien ser jibqa' sfregju. Il-feriti superficjali wkoll ser jibqghu sfregju u f'dan ir-rigward irrefera specjalment ghall-ferita li kienet sejra minn imnieher il-ferut ghal widnejh. Ix-xhud qal ukoll illi minghajr l-intervent mediku, l-incident seta' rrizulta fil-mewt tal-pazjent u dan specjalment b'referenza ghat-tnixxija ta' demm fil-*heumotorrex.* F'dan il-kaz, madankollu, l-ebda organu vitali ma gie milqut. Il-feriti setghu jirrizultaw f'mewt, imma mhux bilfors.

Fl-istess seduta xehed ukoll it-**Tabib Kirurgu Ernest Ellul**[18] li assista lit-tabib kirurgu Albinski, waqt l-operazzjoni kirurgika fuq il-ferut. Dwar il-ferita li kellu fuq wiccu, huwa qal li din giet imnaddfa u mehjuta. Dwar il-ferita fuq in-naha tax-xellug ta' sidru, wahda kienet dahlet, ippenetrat u qatghet parzjalment il-muskolu msejjah *pectoralis major.* Il-ferita ta' tahtha ippenetrat il-muskoli ta' bejn il-kustilji u ppenetrat ukoll fil-*pleura* tal-pulmun tax-xellug. Stante li din ippenetrat kavita` tal-gisem, huwa ddeskriva din il-ferita bhala gravi. Kien

[17] A fol. 175 sa 179 tal-process.
[18] A fol. 185 sa 190 tal-process.

hemm zewg feriti superficjali taht geddumu, ferita ohra fuq ghonqu wara u taht il-widna tax-xellug, liema ferita ma kinitx fonda, kellu zewg feriti zghar fuq is-swaba l-indici u tan-nofs ta' idu tal-lemin, li kienu superficjali u ferita superficjali fuq in-naha ta' wara ta' dahru. Din il-ferita ippenetrat sal-iskapula. Il-feriti kienu kollha incizi u kienu jidhru li gew ikkagunati minn strument li jaqta' u bil-ponta. Dwar il-ferita tal-wicc, huwa qal illi din tista' taghti lok ghall-sfregju u ghalhekk hija gravi. Fil-bqija, huwa ddeskriva l-feriti l-ohrajn bhala ta' natura hafifa. Qal illi l-feriti fiequ minghajr kumplikazzjonijiet. Madankollu l-pazjent kien ghadu l-isptar ghaliex kien qed jallega li kellu *weakness* fuq drieghu tax-xellug. Il-pazjent kien qed jghid ukoll illi ghandu nuqqas ta' koordinazzjoni fil-mixi u dan minhabba xi haga f'saqajh ix-xellugija. Dawn iz-zewg sintomi ma setghux jigu spjegati a bazi tal-feriti li sostna. Huwa qal illi fl-opinjoni tieghu, il-pazjent ma kien fl-ebda hin fil-periklu tal-mewt.

Fis-seduta tal-11 ta' Gunju 1997, xehed ukoll **Joseph Xuereb**[19], li qal illi fit-12 ta' Mejju 1997 huwa fetah il-hanut tal-*grocer* gewwa Triq Hal Bajada, Rabat ghall-habta tas-5.45a.m., is-6.00a.m. Ghall-habta tad-9.00a.m., id-9.15a.m., dahlet wahda tghajjat ismu u qaltlu sabiex isejjah ghat-tabib u kien ghalhekk li cempel il-poliklinika. Ghall-habta tat-8.15a.m., kien dahal ukoll l-imputat fil-hanut tieghu. Dan xtara *chewing gum* u staqsieh jekk kienx qatt ra mara qawwija thabbat fil-bieb ta' faccata tal-hanut tieghu. Huwa qallu lill-imputat li gieli kien ra mara qawwija thabbat fuq il-bieb, izda li dakinhar, ma kienx raha lil dik il-mara. Wara li qallu hekk, l-imputat hareg il-barra. Il-vittma kien joqghod faccata tal-hanut tieghu, fejn kien ra lill-mara qawwija thabbat. Qabel dakinhar, huwa qatt ma kien ra lill-imputat fil-hanut tieghu, jew faccata tal-istess hanut.

Mir-relazzjoni esebita mill-AIC Richard Aquilina fis-seduta tad-29 ta' Lulju 1997, jirrizulta illi fil-kamra (D) (u cioe` l-kamra tas-sodda tal-vittma) u taht wahda mis-sodod, instabu zewgt iskieken[20]. Dawn is-skieken jidhru fir-ritratti esebiti mis-*Scene of the Crime Officers* flimkien mar-relazzjoni taghhom[21], liema

[19] A fol. 191 sa 193 tal-process.
[20] A fol. 259 tal-process.
[2121] Din ir-relazzjoni tinsab esebita a fol. 103 et seq.

skieken jidhru fir-ritratti a fol. 129 u 150A tal-process. Mir-relazzjoni esebita mill-esperti forensici Christopher Farrugia u Robert Cardona[22], jirrizulta illi inghata rizultat negattiv fuq l-esebiti 204 u 205 ossia z-zewgt iskieken imsemmija, ghall-prezenza ta' demm.[23]

Fis-seduta tat-22 ta' Settembru 1997, xehed **it-Tabib Dr. Mario Scerri**[24] li esebixxa r-relazzjoni tieghu in konnessjoni ma' ezamijiet li huwa ghamel fuq l-imputat[25]. Minn din ir-relazzjoni jirrizulta illi l-imputat kellu girfa fuq in-naha tal-lemin ta' sidru, liema girfa kienet niexfa, hamra u friska u kompatibbli ma' girfa possibilment maghmula minn difer. Kellu wkoll, fuq l-aspett anterjuri ta' drieghu tal-lemin, tbengila tonda ta' kulur vjola kompatibbli ma' ghafsa u fuq l-aspett anterjuri tal-parti ta' isfel ta' drieghu tax-xellug, kien hemm incizjoni superficjali maghmula minn strument li jaqta' min-naha wahda u bil-ponta u li saret minn fuq ghal isfel b'*rocketing*, jigifieri li d-direzzjoni tal-istrument tbiddlet waqt li kien qieghed jaqta'. Il'fuq minn din l-incizjoni kien hemm zewg tbengiliet ohra. Dan it-tip ta' tbengil huwa kkagunat bi pressa tat-tessuti tal-hwejjeg fuq il-gilda u kompatibbli ma' ghafsa. Dwar l-incizjoni, l-espert xehed illi l-istrument dahal minn fuq ghal isfel u a bazi tal-forma tal-istess ferita, ikkonkluda li l-istrument meta kien gewwa, dar u ghamel il-forma ta' 'S'. A bazi ta' dan u specjalment minhabba d-direzzjoni tal-istrument li kkaguna l-ferita, huwa xehed illi jista' jkun li l-ferita kienet *self-inflicted.*[26]

Fis-seduta tat-13 ta' Novembru 1997, xehed **Dr. Anthony Zrinzo**[27]. Huwa xehed illi wara li saret operazzjoni kirurgika fuq il-ferut, gie skopert illi ma setax icaqlaq idu u siequ x-xellugija. Ghalhekk il-kaz tieghu gie riferut lilu bhala *neurosurgeon.* Il-pazjent kien qallu li kellu tnemnim fis-swaba kollha ta' idu x-xellugija. Meta ezaminah, huwa kien icaqlaq ghal kollox kemm idu u saqajh il-leminija, kif ukoll saqajh ix-xellugija. Izda huwa ma kienx qed icaqlaq idu x-xellugija. In oltre meta kien jgholli saqajh mill-*hip*, l-istess sieq kienet qisha

[22] Esebita a fol. 269 tal-process.
[23] Pagna 4 tar-relazzjoni.
[24] A fol. 289 tal-process.
[25] Esebita a fol. 292 tal-process.
[26] A fol. 290 tal-process.
[27] A fol. 320 tal-process.

ccedi. Meta ezaminah f'din l-okkazzjoni, il-pazjent kien mugugh hafna, izda minkejja dan l-ugiegh, skond ix-xhud, il-pazjent kien qed jghaggibha xi ftit. Fil-fatt meta huwa ezamina r-riflessi, dawk ta' idu x-xellugija u ta' idu l-leminija kienu ndaqs ghal kollox u cioe` it-tnejn kienu tajbin indaqs. Dan anke fir-rigward ta' saqajh it-tnejn. Huwa ezamina wkoll is-sensazzjoni u rrizultalu li kien hemm *areas* fejn il-pazjent kien ihoss aktar minn *areas* ohra. Sab *areas* fuq in-naha tax-xellug li fihom kien hemm sensazzjoni akbar minn dawk tal-lemin u l-oppost. L-ewwel darba li huwa ezamina l-pazjent kien fit-13 ta' Mejju 1997. Huwa pprova jassikura lill-pazjent li ma kien hemm xejn gravi min-naha ta' *neurology.* L-ghada, ix-xhud kien gie avvicinat mit-Tabib Ernest Ellul, li kien qallu illi l-pazjent kellu s-sieq ix-xellugija li ma kinitx qed ticcaqlaq. Peress illi huwa kien diga` ezamina lill-pazjent, huwa ta parir li kellha ssir konsultazzjoni man-neuroligisti. Ix-xhud qal illi a bazi tal-ezamijiet li ghamel lill-pazjent rigward riflessi, jidher illi l-istess pazjent kien qed jghaggibha xi ftit.

Fis-seduta tal-20 ta' Lulju 1998, xehed **Dr. Anthony Galea Debono**[28]. Huwa kien gie mitlub sabiex jezamina lill-pazjent stante illi allegatament dan ma setax icaqlaq idejh ix-xellugija. Minn informazzjoni li gabar, ma kienx irrizultalu li l-ferita li kienet vicin ghabtu tax-xellug kienet effetwat in-nervaturi tal-id ix-xellugija. Minn testijiet elettrici li ghamel huwa stess, ma rrizultalux li kien hemm xi hsara fl-istess nervaturi. Wara li ghadda certu zmien, il-movimenti tal-id ix-xellugija tal-istess pazjent ghamlu progress sostanzjali. L-ahhar li huwa ezamina lill-pazjent kien fit-13 ta' Gunju 1997, fejn irrizultalu illi l-movimenti tal-id ix-xellugija kienu ragjonevoli, izda ma kinux kompluti. Kien hemm ukoll problema fil-mixi li dwarha ma sab l-ebda spjegazzjoni nevrologika. Huwa qal x'setghet kienet ir-raguni tan-nuqqas ta' moviment fl-id ix-xellugija tal-ferut, izda din kienet biss spekulazzjoni da parti tieghu. Lanqas ma seta' jeskludi illi r-raguni kienet xi haga emozzjonali jew emotiva. Medikament ma setax jispjega ghaliex kien hemm din il-problema. Meta ezamina lill-ferut l-ewwel darba, dan kien fis-sodda u ma kienx qed jilmenta minn ugiegh f'saqajh. Il-problemi fil-moviment tas-saqajn setghu kienu emottivi, ossia sterici jew *malingering.* Anke fir-rigward tal-id ix-xellugija, huwa ma eskludiex li dan seta' kien il-kaz.

[28] A fol. 364 sa 367 tal-process.

Fis-seduta tat-12 ta’ Settembru 2001, xehed l-**imputat**[29], li qal illi fil-perjodu tal-incident in kwistjoni, ir-relazzjoni bejnu u bejn martu filli kienet sewwa u filli marret ghall-aghar. Martu la kienet taghti kazu u lanqas ta’ wliedhom. Fil-lejl ta’ qabel l-incident, huwa kien gie infurmat miz-zija u min-nanna ta’ martu, li l-istess martu kienet ma’ Egizzjan u qalulu wkoll fejn kien joqghod l-istess Egizzjan. Meta tkellem ma’ martu dwar dan, hija nnegat. F’dan il-perijodu, ir-relazzjoni konjugali kienet marret ghall-aghar u martu bdiet proceduri ta’ separazzjoni. Ghalhekk huwa mar jitkellem ma’ wiehed li ghandu hanut tal-*grocer* faccata ta’ fejn kien joqghod l-Egizzjan u mar jaghmel rapport gewwa l-ghassa tar-Rabat dwar martu, u bdew jghidulu ‘*issa naraw’.* Sadanittant it-tfal kienu mieghu d-dar. Wara li kien mar l-ghassa, kien mar fl-indirizz li ndikawlu l-familjari tal-mara. Qal illi lill-Egizzjan qatt ma kien rah qabel. Meta mar ghand tal-*grocer* huwa ha ritratt ta’ martu u staqsieh jekk kienx ra lil martu. Qal illi tal-*grocer* qallu li din il-mara tidhol fl-indirizz li kienu qalulu bih il-familjari ta’ martu ossia fir-residenza tal-Egizzjan, ta’ sikwit. Dak il-hin, tfixkel u ma beda jara xejn u gab lit-tfal quddiem ghajnejh. Dak il-hin, huwa mbotta l-bieb tar-residenza tal-Egizzjan bis-sahha, b’idu, u sab bieb iehor, bexxqu u sab mara fis-sodda. Din il-kamra kienet mudlama. Hekk kif bexxaq dan il-bieb, ra lill-Egizzjan gej lejh b’arma minn kamra ohra. Ra li l-Egizzjan kellu sikkina f’idu, minghalih f’idu l-leminija, izda ma jafx x’tip ta’ sikkina kienet. Huwa pprova jahtaf l-arma minn id l-Egizzjan u gew fl-idejn u ma jafx x’sar mill-arma, ghalkemm f’mument l-arma giet f’idejh. Qal ukoll illi huwa pprova jehodielhu billi qabad id l-Egizzjan u ghalhekk gew id f’id u bdew jissaraw ma’ xulxin. Dak il-hin ma bediex jara, beda jara dlam cappa u jgib it-tfal quddiem ghajnejh u ma jafx laqtux. Wara telaq il-barra. Qal illi l-Egizzjan laqtu fuq spalltu tax-xellug. Mistoqsi kemm il-darba seta’ ta lill-Egizzjan, qal illi ma jafx u li dak il-hin kienu id f’id. Ma jafx jekk l-Egizzjan waqax mal-art jew le u telaq il’barra. Qal illi quddiem ghajnejh beda jara hafna dlam, bhal bniedem mifxul u mitluf minn sensih. Qal illi ma kienx jaf x’ser jaghmel meta ra l-arma f’idu u illi meta mar fir-residenza tal-Egizzjan, huwa ma kienx armat. Meta telaq mir-residenza, mexa sa Haz-Zebbug fejn iltaqa’ ma’ missieru, marru flimkien il-Qorti biex

[29] A fol. 410 sa 415 tal-process.

ikellmu lill-avukat u marru d-*depot.* Is-separazzjoni bejnu u martu kienet giet konkluza u huwa kellu l-kura u l-kustodja ta' wliedu.

In kontro-ezami, l-imputat qal illi s-separazzjoni bejnu u bejn martu kienet bdiet qabel l-incident u dak iz-zmien, il-mara kellha l-kura u l-kustodja tat-tfal, tant illi huwa kien jigbor it-tfal mill-Ghassa biex jarahom. Sa dak iz-zmien, skond hu, ma kellhomx inkwiet, izda l-mara dejjem riedet is-separazzjoni. Qal li kien tal-hanut li ndikalu d-dar tal-Egizzjan, izda precedentement, kienu qalulu wkoll fejn kien joqghod l-Egizzjan, il-familjari ta' martu. Xi xahar qabel l-incident, martu ma kinitx toqghod mieghu, ghax kienu qed jisseparaw. Meta fetah il-kamra fejn sab mara fis-sodda, il-kamra kienet mudlama u fil-fatt il-post kollu kien mudlam. Mistoqsi kif kien jaf li dik il-persuna li kienet gejja ghal fuqu kien l-Egizzjan, huwa wiegeb li qal hekk ghax dan kien gej b'arma ghalih. L-arma setghet kienet bicca injama, stallett jew sikkina. Huwa ma talab l-ebda permess biex jidhol fid-dar u ma kienx minnu illi huwa dahal fid-dar b'sikkina, kif qal l-Egizzjan. Ammetta li imbotta l-bieb il'gewwa u kien minnu li dahal gewwa biex ifittex lill-Egizzjan, izda ma kienx minnu li dahal b'sikkina. Qal li mar hemm biex ifittex lil martu biss u "*kieku sibt lil marti hemmhekk, ma nafx x'kont naghmel hemm gew*"[30]. Mistoqsi ghala ma telaqx il-barra wara li ma sabx lil martu, huwa qal li dak il-hin kien mitluf minn sensieh. Qal illi meta fl-istqarrija huwa qal illi il-gerha li kellu saritlu ghaliex kien laqatha ma' x'imkien, dak il-hin huwa ma kienx jaf x'qed jghid. Qal li ma kienx hemm spazju twil minn meta kien gie informat bl-Egizzjan mill-familjari ta' martu, sakemm gara l-incident u li forsi kien fil-ghaxija, qabel l-incident. Qal illi ma kienx jaf minn fejn qabad is-sikkina, jekk hux mix-xafra jew mill-manku, izda f'idejh ma kellu ebda gerha. In ri-ezami, l-imputat qal illi ghalih, il-mara li kienet fis-sodda kienet martu.

Fis-seduta tal-5 ta' Marzu 2002, xehdet **Rita Mallia**[31], oht l-imputat. Qalet illi huha kien mizzewweg lil Marika, li madankollu ma kinitx taf fejn qeghda u li wlied l-imputat u martu, joqoghdu mal-imputat u li kien rabbihom hu. Darba

[30] A fol. 414 tal-process.
[31] A fol. 420 sa 425 tal-process.

mart l-imputat kienet qaltilha li kienet tiffansja wiehed Egizzjan u hija kienet wegbitha li lill-Egizzjan ma kellhiex xi tridu. Kienet biss f'dik l-okkazzjoni li Marika kienet fethet qalbha maghha u dan kien madwar hames snin qabel, fiz-zmien meta hi u l-imputat kienu ghadhom flimkien. Madankollu, Marika qatt ma qaltilha li kienet marret ma' dan l-Egizzjan u lil huha, x-xhud qatt ma qaltlu xejn dwaru. Wara s-separazzjoni, hija gieli rat lil fuq is-sur tar-Rabat mal-Egizzjan u gieli ratha mat-tfal ukoll, liema tfal ma kinux ulied huha. In kontro-ezami, qalet li kienet taf li l-Qorti kienet iddecidiet illi l-imputat kellu jigbor it-tfal mill-Ghassa, izda ma kinitx taf ir-raguni ghal dan.

Fis-seduta tat-30 ta' Settembru 2013, xehdet bint l-imputat **Valentina D'Amato**[32] li spjegat illi hija giet imrobbija minn missierha, illi ma kinitx taf x'sar minn ommha, li qatt ma regghet iltqaghet maghha u ma tantx tiftakarha. B'kollox illum qeghdin hdax bhala ahwa, inkluz hi u huha Andrea. Fiz-zmien tal-incident kienu biss hi u huha. Ommha ma kinitx prezenti ghall-precett taghha u lanqas f'dak ta' huha, izda kienu prezenti missierha u l-*partner* tieghu.

**Ikkunsidrat:**

Illi l-ewwel imputazzjoni migjuba kontra l-imputat ai termini tac-citazzjoni kienet attentat ta' omicidju. Fin-nota ta' rinviju ghall-gudizju tal-Avukat Generali din l-imputazzjoni giet ridotta ghal wahda ta' attentat ta' offiza gravissima. Apparti minn hekk, l-imputat gie akkuzat ukoll talli kkommetta offiza gravi ai termini tal-Artikolu 216 tal-Kap. 9 u offiza gravissima ai termini tal-Artikolu 218 tal-istess Kap. Erronjament, u x'aktarx bi zvista, l-Avukat Generali ma indikax l-Artikolu 217 tal-Kap. 9 fin-Nota tieghu, ghalkemm jirrizulta car mill-provi illi l-feriti gew ikkawzati bi strument li jaqta'.

Illi huwa fatt mhux ikkontestat illi l-griehi li sofra El Sadani gew ikkagunati mill-imputat. M'hemmx dubbju lanqas illi l-htija tal-imputat tirrizulta fir-rigward

[32] A fol. 490 sa 494 tal-process.

tal-Artikolu 216(1)(c) u dan ghaliex kif xehed it-Tabib Kirurgu Dr. Ernest Ellul, wahda mill-feriti ppenetrat il-muskoli ta' bejn il-kustilji u l-ferita ghalhekk dahlet f'wahda mill-kavitajiet tal-gisem. Fir-rigward tal-ferita li garrab il-vittma fuq wiccu, Dr. Glorianne Briffa iddeskrivitha bhala wahda li kienet tmur minn imniehru u tibqa' sejra sa widintu tax-xellug u kienet twila ghaxar centimetri. Dwar din il-ferita, it-Tabib Dr. Jacek Albinski qal illi din kienet ser tibqa' sfregju. Il-Qorti kkunsidrat jekk din il-ferita ghandhiex tigi klassifikata bhala sfregju fil-wicc taht l-Artikolu 216(1)(b) jew sfregju gravi u permanenti taht l-Artikolu 218(b) tal-Kap. 9. Fis-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fit-2 ta' Marzu 2011, fl-ismijiet **Pulizija vs Reno Azzopardi**, l-istess Qorti ghamlet referenza ghas-sentenza moghtija mill-istess Qorti fil-5 ta' Frar 1998, fl-ismijiet **Pulizija vs Fortunato Sultana**, fejn intqal hekk:

*"Skond din id-disposizzjoni [l-artikolu 216(1)(b) tal- Kodici Kriminali] l-offiza fuq il-persuna hi gravi jekk, fost cirkostanzi ohra, iggib sfregju fil-wicc. Il-ligi ma tirrikjedix li dana l-isfregju jipperdura ghal xi zmien partikolari; sfregju fil-wicc (jew fil-ghonq jew f'wahda mill-idejn) anke ta' ftit granet jibqa' sfregju ghall-finijiet ta' l-imsemmija disposizzjoni. Il-permanenza ta' l-isfregju hi rilevanti biss meta, abbinata mal-gravita`, taghti lok ghal hekk imsejha 'offiza gravissima' skond l-artikolu 218(1)(b) tal-Kodici Kriminali."*

Kif qalet dik il-Qorti u kif gie diversi drabi ritenut, "*sfregju hija kull hsara li tista' ssir fir-regolarita` tal-wicc, fl-armonija tal-lineament tal-wicc u anke f'dik li hija s-sbuhija tal-wicc*". Il-ferita subita mill-parti leza fil-wicc, kif deskritta, certament fil-fehma ta' din il-Qorti, gabet hsara fl-armonija tal-lineament tal-wicc u anke fl-isbuhija tal-istess wicc. Kunsidrat il-fatt illi dan l-isfregju kien deskritt mit-Tabib Kirurgu fuq imsemmi bhala wiehed permanenti u illi l-offiza kienet tikkonsisti f'ferita ta' ghaxar centimetri u li ghalhekk kienet tkopri parti konsiderevoli mill-wicc, il-Qorti tqisha bhala wahda li ggib sfregju gravi u permanenti fuq il-wicc ai termini tal-Artikolu 218(1)(b) tal-Kap. 9.

In oltre mix-xhieda tal-istess Tabib Dr. Jacek Albinski, jirrizulta wkoll illi anke l-ferita li ssubixxa El Sadani fuq ghonqu kienet ser tibqa' sfregju. Din il-ferita, skond Dr. Glorianne Briffa kienet ta' madwar erba' centimentri u kienet tinsab fuq in-naha tax-xellug tal-ghonq. Il-Qorti qed tqis din l-offiza bhala wahda gravi taht l-Artikolu 216(1)(b), u mhux bhala offiza gravissima ai termini tal-Artikolu 218(1)(b) tal-Kap. 9.

Issa l-imputat qieghed iressaq bhala difiza, l-iskriminanti tal-legittima difeza u cioe` illi huwa rreagixxa minhabba l-aggressjoni li kienet gejja min-naha ta' El Sadani fil-konfront tieghu. L-Artikolu 223 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta jiddisponi illi:

*"Ma hemmx reat meta l-omicidju jew l-offiza fuq il-persuna huma ordnati jew permessi mil-ligi jew mill-awtorita` legittima, jew mehtiega mill-bzonn attwali tad-difiza legittima ta' wiehed innifsu jew ta' haddiehor."* L-Artikolu 224, imbaghad jelenka is-sitwazzjonijiet fejn din l-iskriminanti tista' tigi applikata. F'sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appelli Kriminali fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Joseph Psaila** deciza fl-20 ta' Jannar 1995, inghad hekk:

*"Jigi rilevat li d-dritt ghal-legittima difiza jitwieled u huwa konsegwenza naturali mid-dritt fondamentali ta' kull bniedem li jipprotegi lilu innifsu minn xi aggressjoni jew dannu anke bl-uzu tal-forza. Izda l-ligi timponi certi kundizzjonijiet biex dina l-eccezzjoni tigi milqugha. Cioe' it-theddid ta' xi aggressjoni jew dannu jew perikolu jrid ikun ingust, gravi u inevitabbli. Jigifieri il-periklu ghandu jkun attwali, ta' dak il-hin u mhux theddida ta' perikolu li tkun saret hinijiet qabel ghax dina tista' taghti lok biss ghal provokazzjoni u mhux difiza legittima. Il-perikolu jrid ukoll ikun assolut, cioe' li f'dak il-mument li kien qed isehh ma setax jigi evitat b'xi mod iehor."* [sottolinear mizjud].

Dwar l-element ta' l-inevitabilita` **il-Professur Sir Anthony Mamo**, fin-noti tieghu "*Lectures in Criminal Law, Part I*", jghid hekk:

"*The accused must prove that the act was done by him to avoid an evil which could not otherwise be avoided. In other words the danger must be sudden, actual and absolute. For if the danger was anticipated with certainty, a man will not be justified who has rashly braved such danger and placed himself in the necessity of having either to suffer death or grievous injury or to inflict it. In the second place the danger must be actual: if it had already passed, it may, at best, amount to provocation or, at worst, to cold-blooded revenge, and not to legitimate defence; if it was merely apprehended, then other steps might have been taken to avoid it. Thirdly, the danger threatened must be absolute, that is, such that, at the moment it could not be averted by other means.*" [33]

Illi ukoll fis-sentenza **Ir-Repubblika ta' Malta vs Domenic Briffa**, moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali Superjuri fis-16 ta' Ottubru 2003, inghad hekk:

*"Din il-Qorti, kif issa komposta, tazzarda zzid li l-mod kif il-kwistjoni ta' l-inevitabilita` tal-perikolu jew minaccja ghandha tigi affrontata hu li wiehed jistaqsi: l-agent (ossia l-aggredit) seta', tenut kont tac-cirkostanzi kollha, ragjonevolment jevita dak il-perikolu jew dik il-minaccja? Jekk il-buon sens jiddetta li l-agent seta', billi jaghmel manuvra jew pass f'direzzjoni jew ohra, jew anke billi semplicement ma jiccaqlaqx, facilment jevita l-periklu jew minaccja li kien qed jara fil-konfront tieghu, allura, jekk ma jaghmilx hekk jigi nieqes l-element tal-inevitabilita` tal-perikolu jew minaccja. Jekk, pero`, mill-banda l-ohra, tenut kont tac-cirkostanzi kollha, il-buon sens jiddetta li l-agent ma kellu jaghmel xejn minn dan jew, anzi, kellu jibqa' ghaddej fit-triq li twasslu aktar qrib dak il-perikolu jew dik il-minaccja, allura b'daqshekk ma jigix nieqes l-element ta' l-inevitabilita."*

F'dan il-kaz, mill-provi mressqa u kif ammess ukoll mill-istess imputat, jirrizulta illi kien huwa stess illi sgassa l-bieb tar-residenza tal-parti leza u dahal f'din ir-

[33] Pagna 104.

residenza sabiex ifittex lill-istess parti leza u dan ghaliex is-suspett li huwa kellu illi dan tal-ahhar kellu relazzjoni ma' martu, kompla jigi kkonfermat wara li l-imputat kien tkellem ma' sid il-hanut. Issa fil-waqt illi l-parti leza jghid illi l-imputat dahal b'sikkina jew b'mus f'idejh u aggredieh, l-imputat jghid illi kien il-parti leza li gie lejh b'xi haga, li huwa jiddeskrivi li setghet kienet bicca injama, sikkina jew stallett u li huwa ssara mieghu u rnexxielu jehodielu. Kienu x'kienu c-cirkustanzi, ghal fini ta' din l-iskriminanti, ossia jekk kienx l-imputat li aggredixxa lill-parti leza b'sikkina, kif jghid l-istess parti leza jew jekk kienx il-parti leza li attakka lill-imputat b'sikkina jew strument iehor, ma jistax jinghad illi l-imputat kien qed jagixxi in legittima difeza. Il-fatt illi huwa stess sgassa l-bieb tar-residenza zgur illi jeskludi l-element ta' inevitabilita` ghaliex fil-fatt kien l-imputat biss u hadd izjed illi kien qed ifittex l-inkwiet u ghall-istess raguni, anke jekk kellu jigi accettat illi l-parti leza aggredieh b'sikkina jew b'xi haga ohra, ma jistax jinghad illi l-perikolu jew minaccja fil-konfront tieghu kienet wahda ingusta. Certament illi El Sadani kien mahsud bl-entrata inaspettata tal-imputat u ghalhekk anke jekk, ghall-grazzja tal-argument, kien hemm element ta' aggressjoni da parti tieghu, din ma jistax jinghad illi kienet wahda ingusta fic-cirkostanzi. Ghaldaqstant, ma jezistux l-elementi necessarji fil-ligi li jaghtu lok ghal din l-iskriminanti.

Illi d-difiza qeghda tressaq ukoll l-iskuzanti kkontemplat taht l-Artikolu 227(c), rez applikabbli ghall-kazijiet ta' offiza volontarja, permezz tal-Artikolu 230(b) tal-Kap. 9. Fiz-zmien tar-reati taht ezami, l-paragrafu taht l-artikolu 227(c) kien differenti mil-lum u dan ghaliex bis-sahha ta' l-Att numru III tas-sena 2002, dan il-paragrafu

gie emendat billi thassru l-kliem "fil-kazijiet ta' provokazzjoni". Difatti qabel din l-emenda s-sinifikat ta' dan il-paragrafu kien kif deskritt fil-kawza **<u>Ir-Repubblika ta' Malta vs Martina Galea</u>,** deciza minn din il-Qorti fl-14 ta' Jannar 1986, fejn intqal hekk:

"*Minn ezami ta' l-imsemmi artikolu 241(c), u fuq l-iskorta ta' dak li gie premess, ghalhekk, jemergi li biex omicidju volontarju jkun skuzabbli jinhtieg li l-persuna li tikkommettieh, fil-waqt tad-delitt, ma tkunx fi stat li tqis l-eghmil taghha*

*imhabba li tkun taht l-influwenza immedjata (i) ta' passjoni istantanja, jew (ii) ta' agitazzjoni tal-mohh. Sija fil-kaz ta' passjoni istantanja u sija fil-kaz ta' agitazzjoni tal-mohh, jibqa' dejjem mehtieg li l-persuna li toqtol tkun taht l-influwenza immedjata ta' wiehed jew l-iehor minn dawn l-istati mentali.*

*Dan l-istat mentali ta' l-akkuzat jista' jkun dovut, ghalkemm mhux necessarjament, ghall-provokazzjoni, u jinghad 'jista' jkun' il-ghaliex mhux impossibbli l-kaz ta' persuna taht l-influwenza immedjata ta' agitazzjoni tal-mohh bla ma jkun hemm l-ebda provokazzjoni, bhal, per ezempju, fil-kaz tal-infanticidju…."*

Dik l-istess sentenza mbaghad tkompli tghid:

*"Kif diga` rilevat, biex iservu ta' attenwant ghal akkuza ta' omicidju volontarju, kemm il-passjoni istantanja u kemm l-agitazzjoni tal-mohh, li taht l-influwenza taghhom persuna tagixxi, iridu jkunu tali li mhabba fihom dik il-persuna, fil-waqt tad-delitt, ma tkunx tista' tqis l-eghmil taghha. U f'dan ir-rigward il-ligi tghidilna (f'paragrafu separat taht l-inciz (c) ta' l-imsemmi artikolu 241) li fil-kazijiet ta' provokazzjoni , cioe` f'dawk il-kazijiet fejn ikun qieghed jigi nvokat l-attenwant tal-provokazzjoni li tkun ipproduciet passjoni istantanja jew agitazzjoni tal-mohh, biex l-akkuzat jitqies li ma kienx jista' jqis l-eghmil tieghu jinhtieg illi fil-fatt l-omicidju jkun sar imhabba sahna ta' demm u mhux ghaliex kien hemm il-hsieb maghmul tal-qtil ta' persuna jew ta' hsara gravi fuq il-persuna, u illi r-raguni tal-provokazzjoni kienet tali illi, f'nies ta' temperament ordinarju, komunement iggib l-effett li ma jkunx kapaci li jqisu l-konsegwenzi tad-delitt."*

F'dan il-kaz, id-difiza fit-trattazzjoni finali taghha ghamlet referenza ghall-agitazzjoni tal-mohh u ghall-passjoni istantanja, minghajr referenza specifika ghall-provokazzjoni.  Madankollu, kif jidher mill-noti tal-Magistrat precedenti li sema' l-ewwel trattazzjoni li saret mid-difiza f'dan il-kaz, jidher illi fil-fatt id-

difiza rreferiet ghal dan l-element ta’ provokazzjoni, u dan skond kif issottomettiet waqt it-trattazzjoni quddiem din il-Qorti, kif presjeduta, in vista tal-*build up* tas-sitwazzjoni li kien ghaddej minnha l-imputat, fis-sens illi Joseph Xuereb, ossia l-persuna li tkellem mieghu l-imputat fil-hanut qabel dahal fir-residenza ta’ El Sadani, qallu illi huwa kien gieli ra lil martu thabbat fuq il-bieb ta’ dik ir-residenza. Allura f’dak il-mument l-imputat kompla jikkonferma dak li kien issusspetta fih u dak li fil-fatt kienu qalulu l-familjari ta’ martu.

Kif qalet il-Qorti tal-Appelli Kriminali, fis-sentenza taghha tal-10 ta’ Settembru 2004, fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Paul Abela**:

*“Meta tigi biex tqies l-iskuza tal-provokazzjoni ghandha tithares ir-regola migjuba fl-artikolu 235, li jfisser li l-provokazzjoni ma tiswiex jekk ma tkunx saret fil-waqt ta’ l-azzjoni li taghha tingieb bhala skuza. Pero’ dejjem irid ikun hemm provokazzjoni ingusta … il-gurista Francesco Antolisei in konnessjoni ma’ l- attenwanti generali tal-provokazzjoni jghid hekk: “la situazione psicologica di cui trattasi - deve essere determinata da un fatto ingiusto altrui. Non occorre che tale fatto costituisca reato e neppure che sia giuridicamente illecito; basta che sia ingiusto dal punto di vista morale. Percio’ l’attenuante dovra’ ammettersi anche di fronte ad un comportamento legittimo che assuma carattere provocatorio per le modalita’ esose o anche semplicemente sconvenienti con cui si effetua, o per ragioni che lo hanno determinato (rancore, odio, vendetta, iattanza, dispetto ecc.) Quanto alla reazione non si richiede che sia proporzionata al fatto ingiusto” (Antolisei F. Manuale di Diritto Penale – Parte Generale Giuffre Milano 1989 pg.394 -397).”*

U l-**Professur Anthony Mamo** fin-noti tieghu *Notes on Criminal Law, Volume II* jghid hekk dwar il-provokazzjoni taht dan l-artikolu:

*“… the law leaves it to those who have to judge to exercise their independent judgement. It does not limit or specify the causes of provocation. Any fact,*

*whatever it may be, which has induced a sudden passion or mental excitement in consequence of which the agent is, in the act of killing, incapable of reflecting, will be sufficient …”*.[34]

F’dan is-sens, il-Qorti hija tal-fehma illi ghalkemm ma kien hemm l-ebda provokazzjoni fis-sens ta’ azzjoni da parti tal-parti leza f’dak il-mument partikolari, din l-informazzjoni li kien ghadu kif akkwista l-imputat kienet tali li kienet kapaci tiskatena certu agitazzjoni fil-mohh jew passjoni istantanja f’persuna ta’ temperament ordinarju. Madankollu, biex din l-iskuzanti tirnexxi bhala attenwant, kif inghad izjed ‘il fuq, jehtieg li jirrizulta wkoll, fil-kazijiet ta’ provokazzjoni, illi l-offiza volontarja tkun saret minhabba sahna ta’ demm, u mhux ghaliex kien hemm il-hsieb maghmul tal-qtil ta’ persuna jew ta’ hsara gravi fuq il-persuna.

Issa f’dan il-kaz, il-partijiet involuti taw zewg verzjonijiet differenti ta’ kif sehh l-incident in ezami. Da parti tieghu, El Sadani sostna illi xi hadd beda jsabbat il-bieb ta’ barra tar-residenza, il-bieb inkiser u ra lill-imputat diehel, fil-waqt li l-istess imputat kellu sikkina jew mus f’idu l-leminija. L-Ispettur Pierre Calleja xehed illi El Sadani qallu li dak il-hin li sema’ l-bieb, huwa kien qieghed bil-qieghda fil-kcina. Da parti tieghu, l-imputat jghid illi wara li sgassa l-bieb, huwa l-ewwel imbotta l-bieb ta’ kamra fejn ra mara fis-sodda (dan gie korroborat minn Samira Abid) u kif bexxaq dan il-bieb, ra lil El Sadani gej lejh b’arma minn kamra ohra. Huwa prova jahtaf din l-arma minn id l-Egizzjan billi qabadlu jdejh, gew fl-idejn u f’mument l-arma giet f’idejh. Da parti taghha Samira Abid tghid illi ma ratx jekk l-imputat kellux arma ghaliex kien hemm id-dlam u illi kif hareg minn kamritha, l-imputat dahal il-gewwa fl-istess dar. Dwar dan il-Qorti hasbet fit-tul u kkunsidrat, apparti x-xhieda ta’ dawk prezenti waqt it-taqtigha, l-provi l-ohra fl-atti. Jibda biex jinghad illi nstabu zewgt iskieken li wiehed jista’ jiddeskrivihom bhala skieken tal-kcina, taht wahda mis-sodod tal-kamra ta’ El Sadani. Dawn is-skieken madankollu rrizultaw negattivi ghall-presenza ta’ demm. El Sadani ssubixxa diversi feriti, b’rizultat ta’ liema kien hemm hafna dmija, u dan kif jirrizulta wkoll minn harsa lejn ir-ritratti esebiti fl-atti, fejn

[34] Pagna 241.

jidher demm kemm fuq wahda mis-sodod fil-kamra ta' El Sadani, kif ukoll fuq diversi oggetti fuq l-imsemmija sodda. Mill-istess ritratti jidhru wkoll diversi taqtir ta' demm u anke zewg ghadajjar ta' demm, li fil-fatt juri b'mod car il-lok ta' fejn sar il-feriment. In vista ta' dan il-Qorti jidhrilha illi s-skieken li nstabu fl-istess kamra ma kinux fil-fatt l-arma li biha sar id-delitt, ghaliex altrimenti zgur illi wahda minnhom almenu kienet tkun posittiva ghall-presenza tad-demm.

Dan iwassal lill-Qorti sabiex tikkonkludi illi kif qal El Sadani, l-imputat dahal fir-residenza armat bi strument li jaqta', liema strument hargu mieghu mill-fond meta telaq il'barra. Fil-fehma tal-Qorti, stante li anke kif qalet Samira Abid, din il-bicca xoghol sehhet f'hin qasir hafna, m'hemm l-ebda raguni ghaliex wiehed jahseb illi l-imputat gab sikkina mill-istess fond jew altrimenti illi El Sadani kellu fuqu tlett iskieken u li l-imputat hadlu wahda minn dawn. Apparti minn dan, il-feriment sehh fuq gewwa tal-fond, u cioe` fil-kamra tas-sodda ta' El Sadani, li juri illi fil-fatt El Sadani ma kellux hin sabiex johrog hu izjed il'barra lejn l-aggressur tieghu u illi kien l-imputat li dahal izjed il'gewwa fil-fond (kif tghid ukoll Samira Abid) sabiex jagredixxi lil El Sadani. Mhux biss izda kien El Sadani li sofra lacerazzjonijiet fuq is-swaba ta' idejh il-leminija li jindika illi huwa pprova jiddefendi ruhu mill-aggressjoni tal-imputat, mentri l-imputat kellu biss incizjoni fi drieghu. Fix-xhieda tieghu, l-imputat jghid illi sofra ferita fuq spalltu, li fil-fatt ma tirrizultax mill-ezami mediko-legali maghmul fuqu minn Dr. Mario Scerri li da parti tieghu, jghid ukoll li l-gerha li kellu l-imputat fuq drieghu setghet kienet *self-inflicted* minhabba d-direzzjoni taghha. Ghal dawn ir-ragunijiet, il-Qorti temmen il-verzjoni ta' El Sadani fis-sens illi kien l-imputat li dahal ghalih armat b'mus jew b'sikkina.

In oltre, ghalkemm l-imputat jghid fl-istqarrija tieghu, illi martu kienet fir-residenza meta dahal hemm u fix-xhieda tieghu, in ri-ezami, jghid illi ghalih, il-mara li kienet fis-sodda kienet martu, il-Qorti ma temminx illi fil-fatt dak il-hin, l-imputat haseb illi din il-mara kienet fil-fatt martu. Fl-ewwel lok, l-istess imputat jghid ukoll in kontro-ezami, "*kieku sibt lil marti hemmhekk, ma nafx x'kont naghmel hemm gew*" li juri ghalhekk illi fil-fatt, kien ben konsapevoli tal-fatt li l-mara li kien hemm fis-sodda ma kinitx martu. In oltre difficli wiehed

jemmen illi l-imputat kien ser jidhol fid-dar, jara mara li huwa jahseb li hija martu fis-sodda u ma jghidilhiex imqar nofs ta' kelma, la kif dahal fil-kamra fejn kienet tinsab u lanqas qabel hareg. Mhux biss, izda l-Ispettur David Gatt xehed illi l-imputat *a tempo vergine* qal ukoll illi meta huwa dahal fir-residenza tal-Egizzjan, il-mara tieghu kienet fl-istess residenza u li din harbet l'hemm minghajr ma seta' jzommha, fatt illi zgur ma jirrizultax, izda jkompli juri, fil-fehma tal-Qorti, kif fil-fatt l-imputat kien jaf li dik il-mara ma kinitx martu. Ghalhekk fil-fehma tal-Qorti, l-intenzjoni tal-imputat kienet fil-fatt li jaggredixxi lil El Sadani, indipendentement mill-presenza o meno ta' martu fil-fond de quo. Il-fatt li l-imputat mar fil-fond ta' El Sadani armat, inkluz ic-cirkostanzi li pprecedew dan l-incident, u cioe` illi fil-lejl ta' qabel l-imputat kien sar jaf illi martu kellha relazzjoni ma' El Sadani u anke mar darbtejn gewwa l-Ghassa tar-Rabat sabiex jaghmel rapport dwar dan, fejn imbaghad madankollu ma riedx jaghti l-ebda informazzjoni dwar il-vittma, ghaliex skond hu, seta' jahrab lill-Pulizija, u li mbaghad mar ifittex ir-residenza tal-vittma, iwassal lill-Qorti sabiex tikkonkludi illi ghalkemm illi jista' jkun li kien hemm element ta' agitazzjoni f'mohh l-imputat hekk kif sar jaf li martu kienet tiffrekwenta l-fond in kwistjoni, madankollu, huwa diga` kellu l-hsieb li jikkawza hsara gravi fuq il-persuna ta' El Sadani. Ghalhekk din l-iskuzanti qed tigi respinta.

Stabbilit il-punt, illi l-Qorti temmen il-verzjoni ta' El Sadani fis-sens illi l-imputat dahal fir-residenza tieghu b'sikkina jew b'mus, ser tghaddi issa biex tezamina l-akkuza ta' attentat ta' offiza gravissima.

Illi stante li l-intenzjoni rikjesta biex jissussisti r-reat ta' offiza volontarja hija wahda generika li tigi kawzata hsara, ghal xi zmien kien hemm dibattitu dwar jekk hux koncepibbli t-tentattiv ta' offiza fuq il-persuna. Fi kliem **il-Professur Mamo**:

*"The principle that in the crime of bodily harm a generic intention to injure is sufficient, the offender being answerable for the harm which has actually*

*ensued, gives rise to the doubt whether a charge of attempt is legally possible."*[35]

Illi pero` **l-Professur Mamo** jkompli hekk:

*"Looking at the classification of offences as made by the Law, it is not difficult to imagine certain circumstances in which, having regard to the means used by the offender and his mode of action, one may be certain of his intention to produce one rather than the other of the effects therein mentioned. Should there still remain a doubt as to the gravity of the result aimed at by the offender, the principle will naturally apply in dubbio pro reo"*.[36]

Illi referenza ghal dan id-diskordju taghmilha ukoll l-Qorti tal-Appell Kriminali fil-kawza **Ir-Repubblika vs Domenic Briffa**, deciza fis-16 ta' Ottubru 2003, fejn inghad illi *"jista' ikollok tentattiv ta' offiza gravi jew tentattiv ta' offiza gravissima, purche' jigi pruvat li l-agent kellu l-intenzjoni specifika li jikkaguna xi wahda min dawk il-konsegwenzi li jikkaratterizzaw l-offiza gravi jew l-offiza gravissima skond il-kaz. Hekk, per ezempju, ma jistax ikun hemm dubbju li jekk persuna isawwat mara tqila bl-intenzjoni specifika li ggieghelha tehles qabel iz-zmien jew bl-intenzjoni specifika li dik il-mara tabortixxi, jekk ma jirnexxilhiex fil-hsieb taghha (u salv l-elementi l-ohra kollha tat-tentattiv) huwa koncepibbli d-delitt ta' tentattiv ta' offiza gravi fl-ewwel lok u dak ta' tentattiv ta' offiza gravissima fit-tieni lok."*

Issa f'dan il-kaz il-mod li bih l-imputat dahal fir-residenza ta' El Sadani u aggredieh bi strument li jaqta' ma jhalli l-ebda dubbju illi huwa kellu intenzjoni li jferieh serjament u fil-fatt ikkagunalu kemm offizi gravi, kif ukoll offiza gravissima. Madankollu l-Qorti ma tistax tasal ghall-konvinciment morali, mill-provi prodotti, illi l-imputat kellu proprju l-intenzjoni specifika illi jikkawza lil El

[35] *Notes on Criminal Law, Volume II,* Pagna 226.
[36] A fol. 227.

Sadani xi wahda mill-offizi klassifikata bhala gravissima u mhux intenzjoni specifika illi jikkawza xi offiza klassifikata bhala gravi taht l-Artikolu 216 tal-Kap. 9. Ghaldaqstant, il-Qorti ma tqisx illi din l-akkuza giet ippruvata sal-grad rikjest mil-ligi.

**<u>L-Artikoli 2, 3, 19 tal-Kap. 66</u>**

L-Artikolu 2 tal-Kap. 66 kien l-artikolu li jaghti t-tifsir ta' kliem uzati fl-Ordinanza Dwar l-Armi. L-Artikolu 3 tal-Kap. 66 kien jitkellem dwar arma tan-nar jew munizzjon. Issa fil-kaz de quo ma jirrizultax illi kien hemm xi arma tan-nar jew munizzjoni nvoluti u ghaldaqstant l-imputat qed jigi illiberat mill-akkuza taht dan l-artikolu tal-ligi.

L-Artikolu 19 imbaghad jitkellem dwar il-konfiska tal-arma li tinzamm jew tingieb fuq il-persuna, b'kontravvenzjoni tad-disposizzjonijiet tal-Ordinanza bhala konsegwenza tal-piena ghal dik il-kontravvenzjoni. Stante illi fl-ewwel lok, l-imputat mhux qed jinstab hati tal-ebda reat taht il-Kap. 66 u fit-tieni lok, fi kwalunkwe kaz, l-arma tad-delitt ma gietx esebita in atti, dan l-artikolu mhuwiex applikabbli ghall-kaz de quo.

**<u>L-Artikoli 10(1)(a) tal-Kap. 152</u>**

L-artikolu 10(1) tal-Kapitolu 152 kien jippreskrivi hekk:

*"Jekk persuna li fil-kaz taghha jkun gie maghmul ordni ta' probation jew ordni ghal liberazzjoni taht kondizzjoni tigi 'l quddiem misjuba hatja minn jew quddiem xi qorti ta' reat maghmul matul il-perjodu ta' probation jew matul il-perjodu tal-liberazzjoni taht kondizzjoni, il-qorti – (a) jekk tkun l-istess qorti li kienet ghamlet l-ordni tal-probation jew l-ordni ta' liberazzjoni taht kondizzjoni*

*tista' tittratta ma' dik il-persuna ghar-reat li ghalih l-ordni gie maghmul b'kull mod li bih kienet tkun tita' titratta maghha kieku kienet ghadha kif giet dikjarata hatja minn jew quddiem dik il-qorti ghal dak ir-reat; (b) jekk tkun qorti differenti, ghandha tibghat lil dik il-persuna quddiem il-qorti li minnha l-ordni ta' probation jew l-ordni ghal liberazzjoni taht kondizzjoni kien maghmul u dik il-qorti ghandha, malli jkun prattikabbli iggieghel lil dik il-persuna li tidher jew tingieb quddiemha u fuq prova ghas-sodisfazzjoni tal-qorti tad-dikjarazzjoni ta' htija dwar ir-reat l-iehor tista' tittratta ma' dik il-persuna ghar-reat li ghalih l-ordni kien gie maghmul b'kull mod li bih kienet tista' tittratta maghha kieku kienet ghadha kif giet misjuba hatja ghal dak ir-reat minn jew quddiem dik il-qorti."*

Il-Prosekuzzjoni esebiet sentenza moghtija minn din il-Qorti, kif diversament presjeduta, fl-ismijiet 'Il-Pulizija vs Mario D'Amato u Philip D'Amato', datata 24 ta' Lulju 1996[37] u f'dan ir-rigward l-Ispettur Paul Bond xehed illi huwa kien l-Ufficjal Prosekutur involut u illi kien qed jaghraf lil Philip D'Amato li fil-konfront tieghu nghatat is-sentenza bhala l-imputat. F'dik is-sentenza, l-imputat kien inghata liberazzjoni kundizzjonata ghal zmien ta' tmintax-il xahar mid-data tal-istess sentenza u ghalhekk stante illi r-reati li taghhom qieghed jinstab hati b'din is-sentenza sehhew fit-12 ta' Mejju 1997, jirrizulta car illi l-istess reati saru matul l-istess perjodu ta' liberazzjoni kundizzjonata. Il-Qorti sejra ghalhekk titratta mal-imputat dwar ir-reati mertu ta' din is-sentenza.

**<u>L-Artikoli 49, 50 tal-Kodici Kriminali</u>**

F'dan ir-rigward giet esebita sentenza moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta), kif diversament presjeduta, fis-26 ta' Frar 1991, fl-ismijiet 'Il-Pulizija vs Philip D'Amato'[38]. Issa f'dan il-kaz, ma giex prodott xhud tal-identita` li juri illi l-imputat f'dak il-kaz kien l-imputat odjern. Madankollu, mis-sentenza esebita jirrizultaw xi konnotati tal-imputat f'dak il-kaz, ossia isem missieru u ommu u

[37] A fol. 243 et seq tal-process.
[38] A fol. 251 et seq.

kunjom xbubitha u l-post tar-residenza tieghu. Isem u omm l-imputat, kif ukoll kunjom xbubit ommu jikkombacaw ma' dawk li jidhru fic-certifikat tat-twelid tal-istess imputat[39], fil-waqt illi l-post tar-residenza indikat fis-sentenza esebita huwa identiku ghall-post tar-residenza tal-imputat, kif indikat fl-imputazzjonijiet odjerni. Ghaldaqstant, il-Qorti hija sodisfatta illi l-imputat fis-sentenza esebita huwa fil-fatt l-imputat odjern.

Issa permezz ta' din is-sentenza, l-imputat kien gie kkundannat ghall-hlas ta' multa komplessiva ta' Lm270, bi zmien sena ghall-hlas u ghall-riprensjoni u ammonizzjoni. Jirrizulta illi s-sentenza inghatat fis-26 ta' Frar 1991, fil-waqt illi r-reati odjerni gew kommessi fit-12 ta' Mejju 1997. L-Artikolu 50 tal-Kap. 9, huwa applikabbli, fejn persuna kkundannata ghal delitt, taghmel delitt iehor fi zmien hames snin minn dakinhar li tkun skontat jew tkun giet mafura l-piena, meta l-piena mhix wahda ta' izjed minn hames snin prigunerija. F'dan il-kaz, anke jekk wiehed jiehu kont taz-zmien ta' sena li fiha l-imputat kellu jhallas il-multa li gie kkundannat ghaliha, jirrizulta illi ghaddew izjed minn hames snin minn meta l-hati skonta l-piena. Ghaldaqstant, l-imputat jista' jinstab hati biss tal-addebitu tar-recidiva taht l-Artikolu 49, izda mhux taht l-Artikolu 50 tal-Kap. 9.

**<u>Kunsiderazzjonijiet Dwar Piena</u>**

Ghal fini ta' piena, il-Qorti hadet in konsiderazzjoni l-fedina penali tal-imputat fiz-zmien tar-reati in kwistjoni, kif ukoll tal-mod kif zvolgiet il-hajja tal-imputat minn dak iz-zmien u dan kif jirrizulta primarjament mix-xhieda ta' bint l-istess imputat.

Ghal fini ta' piena, il-Qorti kkunsidrat ukoll illi jezisti l-konkors formali jew ideali bejn id-delitti mwettqa mill-imputat punibbli taht l-Artikoli 216 u 218 tal-Kap. 9. Il-konkors formali jista' jsehh f'zewg cirkostanzi – wiehed minn dawn ic-

[39] A fol. 11 tal-process.

cirkostanzi huwa meta l-istess fatt jikser zewg jew izjed disposizzjonijiet tal-ligi sabiex hekk jaghti lok ghal izjed minn imputazzjoni wahda. Kif jispjega l-**Professur Sir Anthony J. Mamo** fin-noti tieghu *"Lectures in Criminal Law"*:-

*"… in order that the violations of the several provisions of law may constitute and be dealt with as one single offence, it is essential that they be the result of one single action on the part of the offender and of one and the same criminal determination. This is perfectly in conformity with general principles, for there cannot be one offence where the several violations of the law are accompanied with as many criminal determinations, but only where they are the product of one single criminal determination, or in other words are accompanied with one formal element of the offence. That which therefore, prevails in determining whether the fact was one is the assessment of the intention and the purpose of the agent."*[40]

Kif jghid il-Professur Mamo, il-ligi taghna ma ssemmix b'mod esplicitu din il-forma ta' konkors, izda l-Qrati taghna accettaw u applikaw din id-dottrina f'diversi decizjonijiet (f'dan is-sens ara per ezempju s-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Emanuel Tabone**, deciza mill-Onorabbli Qorti tal-Appell Kriminali (Inferjuri) fis-26 ta' Awwissu 1998).

**Il-Professur Mamo** ikompli jghid hekk:

*"The practical effect of this doctrine is that the accused cannot be punished for the several violations but can only be subjected to the punishment provided for the more serious violation"*.[41]

[40] Pagna 152.
[41] Pagna 153.

Illi ghalhekk stante illi l-intenzjoni li trid tirrizulta fil-konfront tar-reati taht l-Artikoli 216 u 218 hija wahda ossia dik generika, l-*animus nocendi*, kif fil-fatt irrizultat f'dan il-kaz, il-piena li ghandha tinghata permezz tad-duttrina tal-konkors formali tar-reati, hija dik tar-reat l-izjed gravi ossia ghar-reat taht l-Artikolu 218 tal-Kap. 9.

In oltre il-Qorti qieset ukoll illi din il-kawza kienet ilha differita ghas-sentenza mill-10 ta' Ottubru 2003 u ghalhekk minkejja li din il-Qorti bl-ebda mod ma tista' qatt tiggustifika kwalsiasi tip ta' vjolenza u minkejja wkoll illi certament tikkunsidra l-atti mwettqa mill-imputat bhala ta' natura serja, madankollu tenut kont tat-trapass taz-zmien li zgur ma kienx ikkagunat minhabba xi nuqqas da parti tal-imputat, izda li anzi l-imputat ma kellu l-ebda kontroll dwaru, din il-Qorti jidhrilha illi ma jkunx xieraq illi tapplika piena ta' prigunerija effettiva. Il-Qorti qieset ukoll illi f'dan il-kaz hija prekluza milli taghti sentenza ta' prigunerija sospiza u dan a bazi tal-Artikolu 28A(7)(c) tal-Kap. 9. Qieset ukoll illi skond l-Artikolu 9 tal-Kap. 152, il-Qorti setghet tikkunsidra illi taghti liberazzjoni kundizzjonata f'kazijiet ta' reati li l-piena taghhom tkun ghal zmien mhux izjed minn ghaxar snin prigunerija. Issa f'dan il-kaz, il-piena massima applikabbli taht l-Artikolu 218 hija dik ta' disa' snin prigunerija. Ghalkemm il-Qorti tqis ir-reati kommessi bhala ta' natura serja, tenut kont tal-mod kif zviluppat il-hajja tal-imputat wara l-incident de quo, tenut kont specjalment, kif diga` inghad, illi din il-kawza giet differita ghas-sentenza ghall-ewwel darba izjed minn ghaxar snin ilu u meqjus ukoll il-fatt illi lanqas il-Prosekuzzjoni f'dan il-kaz m'hija qeghda tinsisti ghall-piena ta' prigunerija effettiva, l-imputat ser jinghata liberazzjoni kundizzjonata.

Fir-rigward tar-reati li dwarhom il-Qorti giet mitluba titratta mal-imputat, liema reati kienu mertu ta' sentenza datata 24 ta' Lulju 1996, il-Qorti tibqa' zzomm ferm ir-ragunament taghha hawn fuq premess dwar it-tul ta' zmien li ghadda sabiex din il-kawza tghaddi in gudikat u ghalhekk qeghda tapplika d-disposizzjonijiet tal-Artikolu 22 tal-Kap. 446 anke f'dan ir-rigward.

**Konkluzjoni**

Ghal dawn il-motivi u wara li rat l-Artikoli tal-Ligi indikati mill-Avukat Generali fin-Nota tieghu datata 11 ta' Jannar 1999 u senjatament l-Artikoli 41(1)(a), 218, 216 u 218, 49 u 50 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, l-Artikoli 2, 3 u 19 tal-Kap. 66 tal-Ligijiet ta' Malta u l-Artikolu 10(1)(a) tal-Kap. 152 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti qed issib lill-imputat mhux hati tar-reati lilu addebitati taht l-Artikoli 41(1)(a) u 218 tal-Kap. 9 ghal dak li jirrigwarda l-attentat ta' ferita gravi u l-Artikolu 3 tal-Kap. 66 tal-Ligijiet ta' Malta u qed tilliberah minnhom, filwaqt li qed issibu hati tar-reati taht l-Artikoli 216(1)(b), 216(1)(c) u 218(1)(b) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, kif ukoll talli huwa recidiv ai termini tal-Artikolu 49, izda mhux tal-Artikolu 50 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta u fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet fuq maghmula u bl-applikazzjoni tal-Artikolu 22 tal-Kap. 446 (fiz-zmien tar-reati odjerni, l-Artikolu 9 tal-Kap. 152), qed tilliberah bil-kundizzjoni li ma jikkommettix reat iehor fi zmien tliet (3) snin mil-lum.

Fir-rigward tar-reati mertu tas-sentenza datata 24 ta' Lulju 1996, moghtija minn din il-Qorti kif diversament presjeduta fl-ismijiet 'Il-Pulizija vs Mario D'Amato et' u wara li rat l-Artikoli 221(1), 325(b), 338(dd) tal-Kap. 9 u l-Artikoli 15(1)(a) u (2) u 18(2) tal-Kap. 65 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti qed tittratta mal-hati billi bl-applikazzjoni tal-Artikolu 22 tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta' Malta, qed tilliberah bil-kundizzjoni li ma jikkommettix reat iehor fi zmien sentejn mil-lum.

Il-Qorti wissiet lill-hati bi kliem car u semplici, il-konsegwenzi skond il-ligi kemm il-darba huwa jikkommetti reat iehor matul dan il-perjodu ta' liberazzjoni kundizzjonata.

## < Sentenza Finali >

---------------------------------TMIEM---------------------------------